**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 29 ta' Mejju, 2025**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 270/2024 JVC**

**(1) Carmel John Axiaq (194052M)**
**(2) Elizabeth Axiaq (K.I. 362186M)**
**(3) Jeoffrey Axiaq (K.I. 154088M)**
**(4) John Axiaq (K.I. 509554M)**
**(5) Albert Briffa (K.I. 613563M)**
**(6) Lucienne Duca (K.I. 501370M)**
**(7) Susan Grech (K.I 281867M)**
**(8) MaryDorisMangion(K.I.282352M)**
**(9) Catherine Micallef (K.I. 779958M)**

**(10) Sandra Mizzi (K.I. 60663M) fil-kwalita' taghha ta' kustodju mahtur mill-Bord dwar il-Kustodja ghan-nom u fl-interess ta' Salvina Pullicino (K.I. 588030)**

**(11) Antoine Zammit (K.I. 161964M)**

**(12) Andrew Zammit (K.I. 118161M)**

**(13) Maria CarmenSchembri(K.I.705755M)**

**(14) Nadia Maria Camilleri (K.I.275477M)**

**(15) Antoinette Schembri (K.I. 556092M)**

**(16) l-istess Nadia Maria Camilleri (K.I. 275477M) u Antoinette Schembri (K.I 556092M) f'isem u ghan-nom ta' l-assenti huhom Robert Schembri (K.I 218482M)**

**vs**

**Carmel Busuttil (K.I. 0076551M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Carmel John Axiaq et talbu kif isegwi:

1. 'Illi din l-azzjoni hija azzjoni ta' accertament tat-titolu ta' propjeta' assoluta li jgawdu l-atturi indivizament bejniethom fuq l-art appellata bhala 'Ta' Savaja' drabi ohra msejjha 'Ta' Sajana' , liema art hija posta fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq San Gorg, Hal Safi, ta' kejl superficjali l-istess art ta' cirka zewgt itmiem u tlett mondelli u cioe tlett elef u wiehed u

disghin metru kwadru u murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument ittra 'A';

2. Illi l-konvenut Carmelo Busuttil kien u ghadu jokkupa l-istess art minghajr titolu validu fil-ligi, u dan anke meta kien huwa stess li ddikjara illi ma jgawdi ebda jedd fuq din l-art, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tas-smiegh tal-kawza odjerna;

3. Illi l-art mertu ta' din il-kawza kienet fiz-zmien tappartjeni lil Dun Lazzaro Spiteri, liema art kienet giet minnu akkwistata fis-sena 1874;

4. Illi Dun Lazzaro Spiteri miet fid-9 ta' Settembru 1892 u s-successjoni tieghu hija regolata bis-sahha ta' l-ahhar testment tieghu ricevut min-Nutar Michelangelo Zammit nhar il-14 ta' Lulju 1883;

5. Illi bis-sahha ta' dan l-ahhar testment tieghu Dun Lazzaro Spiteri ordna illi jsiru ghoxrin quddies letti u offra bhala garanzija tal-hlas ta' l-istess quddies l-art 'Ta' Savaja' aktar il-fuq imsemmija;

6. Illi skont ma jinghad fl-ahhar testment tad-defunt Dun Lazzaro Spiteri hawn aktar il-fuq imsemmi, l-art 'Ta' Savaja' kienet fiz-zmien suggetta ghall-hlas ta' cens perpetwu ta' erba' (4) skudi u erba' (4) tari;

7. Illi fost legati mhollija lil Calcedonia Busuttil u lil Giuseppe Caruana, Dun Lazzaro Spiteri, permezz ta' l-imsemmi testment, innomina bhala eredi universali tieghu f'isma ndaqs bejniethom lil Francesco, Giuseppe, Marianna mart Giuseppe Attard, Maria mart Matteo Farrugia u Antonia

xebba, lkoll ulied Paolo Orlando u martu Margherita, din ta' l-ahhar oht Dun Lazzaro Spiteri;

8. Illi l-imsemmija Margherita Orlando xebba Spiteri u Dun Lazzaro Spiteri huma parentelati ma' Michelangelo Axiaq skond ma jirrizulta minn arblu tar-razza anness u mmarkat Dok. 'B'

9. Illi din l-art kienet ghal diversi snin amministrata mill-Kappillan tal-Knisja ta' Hal Safi li kien jircievi piz impost fuqha minn Dun Lazzaro Spiteri minghand Giovanni Axiaq u Michelangelo Axiaq, dan ta' l-ahhar missier l-attrici Salvina Pullicino, in-nannu tal-attrici Lucienne Duca bint Emanuela Falzon, in-nannu ta' l-atturi Albert Briffa u Susan Grech ulied Mary Briffa; in-nannu tal-atturi Antoine u Andrew Zammit ulied Guza Zammit; in-nannu ta' Mary Doris Mangion bint Carmela Schembri; il-buznannu ta' Nadia Maria Camilleri, Robert Schembri u Antoinette Schembri ulied Joseph Schembri, dan ta' l-ahhar bin Carmela Schembri; in-nannu tal-atturi John Axiaq u Catherine Micallef ulied Angelo; u l-buznannu ta' Jeffrey Axiaq u Elisabeth Axiaq ulied Joseph Axiaq, dan ta' l-ahhar bin Angelo Axiaq, u dan kif jirrizulta minn arblu tar-razza anness u mmarkat Dokument 'C';

10. Illi Giovanni Axiaq miet nhar it-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u erbghin (1945) u bis-sahha ta' l-ahhar testment tieghu in atti tan-Nutar Giovanni Caruana istitwixxa bhala l-unika eredi tieghu lil huh Michelangelo Axiaq;

11. Illi Michelangelo Axiaq miet nhar is-16 ta' Marzu 1975 u bis-sahha ta' l-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Franco

Pellegrini tal-hdax (11) ta' Jannar elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) kkonferma d-disposizzjoni testamentarja maghmula bis-sahha ta' testment in atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-erbgha (4) ta' Jannar elf disa' mija u wiehed u erbghin (1941) li biha kien istitwixxa u nnomina bhala eredi tieghu lill-uliedu Angelo, Carmela, Salvina, Emanuela, Giuseppa, u Mary.

12. Illi Angelo Axiaq miet nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u l-gid kollu li huwa kellu fil-gurnata tal-mewt tieghu ddevolva favur uliedu John Axiaq, Carmel John Axiaq, Catherine Micallef u Joseph Axiaq.

13. Illi Carmela Schembri mietet nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-gid kollu li hija kellha fil-gurnata tal-mewt taghha ddevolva fuq ulieda Joseph Schembri u Mary Doris Mangion;

14. Illi Mary Briffa mietet nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-gid kollu li hija kellha fil-gurnata tal-mewt taghha ddevolva fuq ulieda Albert Briffa u Susan Grech;

15. Illi Emmanuela Falzon mietet nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u l-gid kollu li hija kellha fil-gurnata tal-mewt taghha ddevolva fuq bintha Lucienne Duca;

16. Illi Joseph Axiaq miet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) u l-gid kollu li huwa kellu fil-

gurnata tal-mewt teighu ddevolva favur martu Angela Axiaq u favur uliedu Elizabeth u Jeoffrey Axiaq.

17. Illi Giuseppa sive Guza Zammit mietet nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u l-gid kollu li hija kellha fil-gurnata tal-mewt taghha ddevolva fuq ulieda Antoine Zammit u Andrew Zammit;

18. Illi Joseph Schembri, iben Carmela, miet nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u l-gid kollu tieghu ddevolva favur martu Maria Carmen Schembri a favur uliedu Nadia Camilleri, Antoinette Schembri u Robert Schembri;

19. Illi inoltre, l-art appellata Ta' Savaja giet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi debitament denunzjata bhala formanti parti mill-assi ereditarji ta' Michael Angelo Axiaq nhar id-disa' (9) ta' Gunju ta-sena elfejnu ghaxra (2010), dan skond ma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dokument 'D';

20. Illi oltre minn dan, l-attrici Salvina Pullicino; Emmanuela Falzon omm l-attrici Lucienne Duca; Mary Briffa omm l-atturi Albert Briffa u Susan Grech; Giuseppa sive Guza Zammit omm l-atturi Antoine u Andrew ahwa Zammit; Carmela Schembri omm l-attrici Mary Doris Mangion u n-nanna ta' Nadia Maria Camilleri, Antoinette Schembri u Robert Schembri; l-atturi John Axiaq, Carmel John Axiaq u Catherine Mifsud ulied Angelo Axiaq; u l-atturi Elizabeth u Jeoffrey Axiaq, permezz ta' cedola ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens ntavolata nhar il-21 ta' Ottubru 2009 bin-numru 1249/2009, ipprevalew ruhhom mill-fakolta' lilhom moghtija

bis-sahha ta' l-Artikolu 1501 tal-kodici Civili u b'hekk fdew ic-cens gravanti l-imsemmija art, kopja ta' liema att gudizzjarju qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument ittra 'E'.

21. Illi t-titolu tal-atturi ghal din l-art hija provenjenti mill-wirt ta' Michael Angelo Axiaq li miet fiz-Zurrieq nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975), il-parentela ta' min ma' l-atturi hija murija fid-dokument li qieghed jigi anness u mmarkat Dokument ittra'C';

22. Illi din l-art hija soggetta ghall-hlas ta' piz piju, liema piz kien gie impost bis-sahha ta' testment tal-Wisq Reverendu Dun Lazzaro Spiteri in atti tan-Nutar Michael Angelo Zammit tal-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elf tmien mija u tlieta u tmenin (1883).

**Ghaldaqstant,** jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi huma kompropjetarji tal-art appellata 'Ta' Savaja' drabi ohra 'Ta' Sajana' fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq San Gorg, Hal Safi ta' kejl superficjali ta' cirka tlett elef u tlett mitt (3,300) metru kwadru murija fuq il-pjanta dokument ittra 'A' suggetta biss ghal piz piju altrimenti libera u franka;

2. Tiddikjara illi l-konvenut Carmel Busuttil ma jgawdi ebda drittijiet, sia reali u sia personali fuq l-istess art u tiddikjara ghalhekk illi l-konvenut qieghed jokkupa l-istess art minghajr titolu validu fil-ligi.

3. Tordna konsegwentement l-izgumbrament tal-konvenut Carmel Busuttil fi zmien qasir u perentorju ffissat ghal dan il-ghan.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel Busuttil (KI 0076551M) li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-mertu ta' din il-kawza odjerna kienet gia giet deciza permezz ta' zewg sentenzi f'kawzi li gew intavolati mir-rikorrenti u l-predecessuri taghhom stess u ghalhekk naturalment il-materja u l-mertu tal-kaz illum ghandha definittivament tigi konsiderata bhala *res judicata*.

2. Illi sabiex il-konvenut isostni l-argument legali tieghu tal-eccezzjoni tar-*res judicata,* issir referenza ghall-kawza numru 486/1991 GCD fl-ismijiet Angelo Axiaq et. vs. Carmel Busuttil li giet deciza fil-Prim' Istanza fit-13 ta' Gunju 1996 u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1998, kif ukoll il-kawza numru 547/2005 RCP fl-ismijiet Salvina Pullicino et. vs. Carmel Busuttil li giet deciza fis-26 ta' Gunju 20018 liema decizjoni ma gietx appellata (annessi u mmarkati bhala Dok A, B u C).

3. Illi r-rikorrenti Sandra Mizzi, Nadia Maria Camilleri u Antoinette Schembri ghandhom jgibu prova illi verament gew awtorizzati sabiex jipprezentaw lill-Salvina Pullicino u Robert Schembri rispettivament.

4. llli fic-cirkostanzi bhal ma gie eccepit ukoll fil-kawzi precedenti, r-rikorrenti ghal darb'ohra ghandhom jippruvaw

it-titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni ossia l-art maghrufa bhala 'Ta' Savaja' drabi ohra msejjha ' Ta' Sajana, liema art hija posta fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq San Gorg, Hal Safi ta' kejl superficjali ta' circa zewgt itmiem u tlett mondelli u cioe' tlett elef u wiehed u disghin metru kwadru (3,190m$^2$).

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li giet intavolata b'intiza unika sabiex idejqu lill-intimat u li huwa evidenti illi din il-kawza odjerna qeghda ssir bhala forma ta' 'appell' iehor minn dawk is-sentenzi precedenti.

6. Illi di piu, dawn il-proceduri ghandhom jigu konsiderati bhala totalment inammissibbli u nproponibbli u dana minhabba l-fatt rilli r-rikorrenti u l-predecessuri taghhom allegaw illi huma s-sidien ta' din l-art in kwistjoni minkejja l-fatt illi fil-proceduri precedenti qatt ma kienu pprezentaw jew gabu xi prova konkreta sabiex isostnu l-alegazzjoni tat-titolu taghhom.

7. Illi fir-rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrenti, dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi r-rikorrenti ma humiex l-allegati sidien tal-art in kwistjoni kif ser tigi ppruvata fil-mori ta' din il-kawza odjerna.

8. Illi fir-rigward it-tielet (3) talba tar-rikorrenti huma qatt ma jistghu jitolbu sabiex il-konvenut jigi zgumbrat mill-istess art u dana aktar u aktar meta l-istess konvenut kif ukoll il-predecessur tieghu ilhom jokkupaw din l-art mis-sena elf disgha mija tmienja u ghoxrin (1928).

9. Illi b'referenza ghal-dokument D tal-istess rikors guramentat tar-rikorrenti, dan id-dokument huwa semplicement denunzja u li ghalhekk ghandhu jitqies biss bhala att dikjarattorja u mhux konsiderat bhala att ta' trasferiment li ggib titolu ta' akkwist definittiva ta' proprjeta' immobbli.

10. Salv risposti u eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.'

Rat il-verbal taghha tal-10 ta' Ottubru, 2024 fejn wara li rat li l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija dik tar-res judicata ordnat li fl-eewl lok tigi deciza dik l-eccezzjoni preliminari u ddiferiet il-kawza ghall-provi fuq din l-eccezzjoni.

Rat in-nota tal-assistent registratur tal-Qrati Civili u Tribunal, Karen Falzon, fejn a fol. 60 a et seq esebiet vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet Angelo Axiaq et vs. Carmel Busuttil datata 13 ta' Gunju, 1996 (fol. 60c), is-sentenza tal-appell mill-istess a fol. 60 d tal-process u vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet Salvina Pullicino et vs. Carmel Busuttil a fol. 60 p tal-process.

Rat li l-partijiet strahu fuq is-sentenzi esebiti u l-atti sa dak il-punt fil-process ghal dak li huma provi dwar l-eccezzjoni tar-res judicata.

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Novembru, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni preliminari dwar l-eccezzjoni tar-res judicata bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti jsostnu li l-kawza odjerna tikkonsisti f'azzjoni ta' accertament ta' titolu ta' propjreta' assoluta li jgawdu l-atturi indivizament bejniethom fuq l-art appellata bhala 'Ta' Savaja' drabi ohra msejjha 'Ta' Sajana' , liema art hija posta fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq San Gorg, Hal Safi, ta' kejl superficjali l-istess art ta' cirka zewgt itmiem u tlett mondelli u cioe tlett elef u wiehed u disghin metru kwadru u murija fuq il-pjanta annessa a fol. 9 tal-process. Ir-rikors guramentat taghhom tista' tghid jikkonsisti f'elenku dwar kif din l-art iddevolviet b'wirt finalment fuqhom u jitolbu sabiex din il-Qorti tikkonfermahom bhala sidien tal-istessu tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-istess art.

Illi l-intimat fost diversi eccezzjonijiet, principalment u bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu iqajjem l-eccezzjoni tar-res judicata.

In vista tal-ewwel eccezzjoni kif gia suespost din il-Qorti ordnat li fl-ewwel lok tinstema' u tigi deciza din l-ewwel eccezzjoni.

'
Illi ukoll gia suespost l-unici provi li tressqu dwar din l-eccezzjoni fil-process huma tlett decizjonijiet precedenti li abbazi taghhom l-intimat isostni li tikkonsisti r-res judicata. Ghal dan il-ghan il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u telenka l-aktar partijiet rilevanti ta' dawn id-decizjonijiet.

Illi fid-decizjoni datata 13 ta' Gunju, 1996 bin-numru 486/91 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-Qorti rat li l-partijiet kienu kif isegwi:

Angelo Axiaq; Carmela Schembri armla ta' Anthony Schembri; Salvina Pullicino mart Grezzju Pullicino; Lilian Falzon mart Joseph Falzon; Guza Zammit mart Nazzareno Zammit; Mary Briffa mart Gaetano Briffa; u l-istess AnthonySchembri, Grezzju Pullicino, Gaetano Briffa, Joseph Falzon u Nazzareno Zammit bhala amministraturi tal-beni parafernali ta' marthom bhala rikorrenti u l-intimat odjern Carmel Busuttil ukoll bhala intimat f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti rat li f'din id-decizjoni pjuttost qasira izda dettaljata din l-Onorabbli Qorti ddecidiet kif isegwi:

'F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut minn ghalqa billi jghidu li qieghed izommha minghajr titolu.
Il-konvenuti fissru li huma, bhala l-werrieta tal-mejiet Michaelangelo Axiaq, huma s-sidien tal-ghalqa maghrufa bhala ta' Savaja jew ta' Sarija jew ta' Dun Laz, f'Hal Safi, Il-konvenut qieghed jokkupa din l-ghalqa minghajr titolu u, ghalkemm kienu sejhulu, ukoll b'ittra ufficjali, sabiex fitlaq din l-ghalqa, baqa' ma ghamel xejn. Ghalhekk qeghdin jitolbu illi l-qorti tghid li l-konvenut qieghed izomm din l-ghalqa minghajr titolu u tordna li jizgombra minnha. Talbu wkoll l-ispeiiez u l-imghax.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

1 illi t-talba ta' l-atturi hija "infondata fid-dritt u fil-fatt";

2 illi l-atturi ma humiex is-sidien tal-ghalqa, u ghalhekk ma jistghux jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut; u

3 illi l-konvenut u niesu ilhom jokkupaw din l-ghalqa b'titolu tajjeb fil-ligi sa mill-1928.

Jidher ghalhekk li din hija actio rei vindicatoria u fuq l-atturi hemm l-oneru li juru li huma tassew sidien tal-ghalqa. Dan iridu jaghmluh billi juru li ghandhom titolu originali.

Il-pretensjoni ta' l-atturi hija mfissra fl-affidavit ta' Angelo Axiaq'. L-atturi qeghdin jippretendu li l-ghalqa hija taghhom ghax missierhom kien ihallas xi piz fuq din l-art. Dan il-piz, kif xehed Tarcisio Mifsud, li jiehu hsieb il-proprjetà tal-Kurja Arci-veskovili, kien inholoq minn Dun Lazzaro Spiteri b'testment ta' l-14 ta' Lulju 1983 fl-atti tan-Nutar Michael Angelo Zammit. Kopja ta' dan it-testment ma hix fl-atti.

Angelo Axiaq ighid ukoll li "mill-parentela li [l-atturi] ghandna diretta ma' Dun Lazzaro jista' jirrizulta bic-car il-provenjenza ta' din l-art." Din il-parentela kellha tirrizulta minn alberu tar-razza msemmi fl-affidavit ta' Angelo Axiaq izda mhux esebit fl-atti.

Madankollu, ukoll li kieku kellha tirrizulta din il-parentela, din wehedha ma turix il-provenjenza ta' l-art f'idejn l-atturi. Nafu li Dun Lazzaro Spiteri halla testment — it-testmet li bih inholoq il-piz — u ghalhekk ma nistghux nassumu li l-wirt ta' Dun Lazzaro ghadda ab intestato favur il-"parentela" tieghu. Barra minn hekk, inkunu ridu naraw mhux biss kif ghadda l-wirt minn Dun Lazzaro lis-successuri immedjati tieghu, izda wkoll kif ghadda l-wirt sa ma wasal f'idejn L-atturi. Ma tressqet ebda xiehda dwar dan kollu.

L-atturi stqarrew ukoll li pussess tal-ghalqa qatt ma kellhom.

Il-konkluzjoni ma tistax tkun hlief wahda: l-atturi mhux biss ma ressqux il-probatio diabolica mehtiega biex jirbhu din il-kawza izda ma ressqu prova ta' xejn hlief possibilità remota mibnija fuq allegazzjoni mhix provata li Dun Lazzaro Spiteri kien is-sid tal-ghalqa, allegazzjoni ohra mhix provata li ghandhom parentela ma' Dun Lazzaro, u allegazzioni ohra mhix provata li l-wirt ta' Dun Lazzaro baqa' dejjem ghaddei ab intestato sa ma wasal ghandhom bl-ghalqa mieghu.

Dan ma hux il-mod kif issir prova tal-proprietà.

B'dawn in-nuqqasijiet kollha fit-titolu allegat mill-atturi, il-konvenut ma htieglu jaghmel xejn: possideo quia possideo.

Il-qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.'

Rat li s-sentenza suespost giet appellate mir-rikorrenti u l-appell deciz mill-Qorti tal-Appell  permezz ta' decizjoni datata it-30 ta' Marzu, 1998.  Il-Qorti ser tikkwota d-decide tal-istess decizjoni kif isegwi:

'7. L-atturi appellanti talbu l-izgumbrament tal-konvenut minn ghalqa maghrufa bhala "ta' Savja', jew 'ta' Sarija" jew ta' "ta' Dun Laz", limiti ta' Hal-Safi fuq il-premessa li dina l-ghalqa kienet proprjeta' taghhom u li l-appellat kien qieghed jokkupaha bla titolu. L-appellat konvenut mhux biss ikkontesta din it-talba ghall-izumbrament imma kwantu ghall-premessa dwar it-titolu vantat mill-atturi, huwa eccepixxa wkoll li l-atturi m'humiex is-sidien ta' dina l-ghalqa li hu u niesu (i.e. tal-konvenut) kienu ilhom jokkupawha "b'titolu tajjeb fil-ligi sa mill-1928".

8. Mic-citazzjoni stess ghandu jirrizulta li l-pussess fiziku jew materjali ta' l-ghalga de quo kienet u ghadha f'idejn il-konvenut. Il-konvenut anzi xehed li dan il-pussess materjali ilu jissussisti sa mill-1928. Dan ifisser li l-konvenut qed jiddefendi ruhu bil-pussess materjali tal-haga - <u>possideo quia possideo.</u>

Illi m'hemmx dubbju li minn punti di vista ta' dritt, l-atturi appellanti qeghdin jintentaw l-actio rei vindicatoria. Mill-provi li huma ressqu, jew aktar peciz xtaqu li jressqu, kien jidher ovvju li huma riedu jibbazaw dan it-titlu bid-devoluzzioni causa mortis. Hekk isemmu li missierhom kien u baqa' jhallas "piz" fuq dina l-ghalqa in forza ta' tesment ta' Dun Lazaro Spiteri datat I-14 ta' Lulju 1983 in atti tan-Nutar Michael Angelo Zammit u dana wkoll skond ma xehed certu Tarcisio Mifsud (fol 35) li jiehu hsieb il-proprieta' tal-Kurja Arciveskovili. L-ahjar prova bhala punt ta' tluq, haga evidenti, kienet tkun il-produzzjoni ta' dan it-testment. Madanakollu, dan it-testment ma giex esebit bhala prova. Minbarra dan, skond ix-xhieda permezz ta' affidavit moghtija minn wiehed mil-appellanti, igifieri Angelo Axiaq, l-atturi riedu jorbtu dan l-allegat ness causa mortis ma' allegata parentela "diretta ma' Dun Lazzaro(mnejn) jista' jirrizulta bic-car il-provenjenza ta' din l-art." Issa l-appellanti mhux biss regghu naqsu milli jipproducu l-arblu tar-razza kif taw il-Qorti x'tifhem li kienu ser jaghmlu - pero' li bagghu m'ghamlux - imma naqsu wkoll milli jistabbilixxu konnessjoni diretta u determinanti bejn dina l-allegata parentela u t-titlu minnhom vantat. Dana qed jinghad ghar-raguni li kif korrettement irriteniet l-ewwel Qorti,

"li kieku kellha tirrizulta din il-parentela, din wahedha ma turix il-provenjenza ta' l-art fidejn l-atturi. Nafu li Dun Lazzaro Spiteri halla testment - it-testment li bih inholoq il-piz - u ghalhekk ma nistghux

nassumu li l-wirt ta' Dun Lazzaro ghadda ab intestato favur il-parentela' tieghu. Barra minn hekk, inkunu ridu naraw mhux biss kif ghadda l-wirt minn Dun Lazzaro lis-successuri immedjati tieghu, izda wkoll kif ghadda l-wirt sa ma wasal f'idejn I-atturi. Ma tressqet ebda xhieda dwar dan kollu:

Dan ifisser biss haga wahda li l-atturi kienu totalment mankanti li jfornu prova ta titlu originali. Rinfaccjati b'din l-inadempjenza lampanti, l-atturi fir-rikors tal-apppell jidhru li spostaw il-bazi ta' l-azzjoni taghhom ghal fuq wahda ta' preskrizzjoni akkwizittiva billi jallegaw li,

"irnexxielhom juru l-Qorti ezawrientement li huma u l-avanti (recte aventi) kawza taghhom kienu ilhom minn dejjem u zgur ghal aktar minn tletin sena jhallsu piz fuq l-art in kwistjoni."

U ghalhekk, ikomplu jzidu,

"Indubbjament l-atturi wrew li kellhom pretensjoni ta' titolu fuq il-proprjeta' u li qatt ma rinunzjaw ghaliha ghal aktar minn tletin sena u konsegwentement din il-prova kienet sufficjenti wahedha biex tirnexxi l-istanza."

9. Mela mis-suespost ifisser li l-atturi - almenu issa – qeghdin jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq il-preskrizzioni akkwizittiva trigenarja. Dina l-preskrizzjoni ma tirrikjedix la titolu u lanqas "buona fede" u ghalhekk bis-semplici pussess legittimu ta' 30 sena u fuqhom, l-possessur tal-haga jakkwista l-proprjeta' taghha.

Illi, pero', ghall-effikacja taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu ta' tletin sena. Fil-kaz taghna, mhux biss hemm il-prova

da parti tal-konvenut appellat li l-pussess materjali kien ilu ghandu sa' mis-sena 1928, permezz ukoll ta' l-awturi tieghu, imma anki l-istess atturi jikkoncedu li pussess materjali tal-ghalqa ma kellhomx. Illi mhux bizzejjed, biex tirnexxi I-azzjoni in kwistjoni, li tghid li qed thallas "piz" lid-direttarju u daqshekk. Ghall-kuntrarju (ara wkoll Koll. Vol. XXXVII - I - 107), huwa ben maghruf illi l-elementi tal-pussess civili ghal-fini ta' din il-preskrizzioni huma tnejn, dak materjali, il-poter tal-fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali. Ghalhekk ma hux u ma jikkostitwix pussess civili dak li jkun jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi. Diga' inghad li f'dan il-kaz, il-pussess materjali kien ilu zmien twil f'idejn l-appellat konvenut u mhux bil-maqlub. Barra minn dan, hemm bzonn ukoll li l-pusess ikun wiehed legittimu, u kwindi tali li jipproduci l-effetti guridici tieghu, specjalment ghall-akkwist tal-proprjeta' bid-dekorriment taz-zmien. u biex il-pussess jista jissejjah legittimu, inoltre, hemm bzonn illi jirriunixxi certi kwalitajiet jew karattri, igifieri illi jkun kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku .Fil-fehma tal-Qorti, l-atturi appellanti bagghu ferm 'il boghod milli jressqu provi fondati f'dan is-sens.
Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtja mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1996, tichad l-appell ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.'

Din il-Qorti rat li giet tentata kawza ohra fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza nhar is-26 ta' Gunju, 2008 bin-numru 547/2005. Il-Qorti rat li f'din il-kawza bhala atturi kien hemm kif isegwi:

'Salvina Pullicino ID 588030 (M) mart Grezzju Pullicino, Lilian Falzon ID 403536 (M) mart John Falzon, Mary Briffa ID 344843 (M) mart Gaetano Briffa, Guza Zammit ID 346838 (M) mart Nazzareno Zammit, Carmela Schembri ID 373929 (M) mart Anthony Schembri, Catherine Micallef ID 779958 (M), John Axiaq 509554 (M) u Carmel John Axiaq ID 194052 (M), Angela Axiaq ID 728261 (M) armla ta' Joseph Axiaq u Elizabeth Axiaq ID 362186 (M), Jeoffrey Axiaq ID 154088 (M), kif ukoll Grazzju Pullicino ID 238633 (M), Joseph Falzon ID 1062244 (M), Gaetano Briffa ID 571038 (M), Nazzareno Zammit ID 56238 (M) ghal kull interess li jista' jkolihom.'

u ghal darb'ohra kienet intavolata fil-konfront tal-initmat odjern Carmel Busuttil.

Stante li din il-Qorti qed tqis l-ecczzjoni tar-res judicata tqis li ghandha taghmel referenza ampja ghal din id-decizjoni fejn inghad kif isegwi:

'I. PRELIMINARI.
Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Gunju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma s-sidien ta' l-ghalqa maghrufa bhala ta' Savaja jew ta' Sarija jew ta' Dun Laz, f'Hal Safi.

Illi huma ilhom ihallsu piz fuq l-istess art ghal diversi snin.

Illi I-konvenut Carmel Busuttil qieghed jokkupa din l-ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi minkejja nterpellat sabiex jivvaka l-istess ghalqa huwa baqa' jokkupa u baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenut qieghed jokkupa l-ghalqa maghrufa bhala ta' Savaja jew ta' Sarija jew ta' Dun Laz, f' Hal Safi proprjeta ta' l-atturi, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka l-istess fond fi zmien qasir u perentorju kif jidhrilha gust din il-Onorabbli Qorti.

3. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li minn issa huwa msejjah in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzioni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 15 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-kawza giet differita ghat-13 ta' Jannar 2006 ghan-notifika tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Busuttil datata 24 ta' Novembru 2005 a fol. 27 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-atturi jridu jippruvaw li huma l-proprietarji tal-ghalqa minnhom indikata.

2. Illi l-meritu in ezami gia gie deciz b' mod definittiv b' sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' I-Appell moghtija fit-30 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet "Angelo Axiaq et vs Carmelo Busuttil" (Cit. Numru 486/91 GCD) bejn l-istess partijiet u ghalhekk tikkostitwixxi res iudicata u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Illi stante li l-atturi mhumiex l-allegati sidien tal-ghalga ma jistghux jitolbu l-izgumbrament tal-eccipjent, aktar u aktar meta l-eccipjent u niesu ilhom jokkupaw din l-ghalqa sa mill-1928 u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzioni tal-konvenut a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut u d-dokument anness u mmarkat bhala Dok. "A" kif jidher a fol. 29 sa fol. 41 tal-process.
Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk preseduta fejn fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007 Dr. Grech iddikjara li dwar l-eccezzjoni tar-res gudicata m' ghandux provi aktar. Id-difensuri qablu li s-sentenza pprezentata hi kopja awtentika tal-originali. II-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni fuq dan il-punt ghas-26 ta' April 2007 fuq l-eccezzioni tar-res judicata; u l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Bonnici ghall-konvenut. Dehret l-attrici. Dr. Bernard Grech msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Xhedet Salvina Pullicino. Dr. Bernard Grech imsejjah tliet darbiet ohra baqa' ma dherx. Aktar tard deher Dr. Bernard Grech ghall-atturi.

Dr. Grech u Dr. Bonnici trattaw il-kaz. II-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tar-res gudicata ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat I-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha I-ohra tal-kawza.

II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din id-decizjoni hija dwar l-ewwel eccezzjoni ta' res judicata u b'hekk hija din l-eccezzjoni li ser tigi deciza b'din is-sentenza u xejn izjed.

Illi dwar il-kuncett purament civili ta' res judicata jinghad li kif sancit fl-artikolu 730 tal-Kap.12 l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza ("Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe, App. Kumm, 10 ta' Dicembru 1954).

Illi fis-sentenza "Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et" (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 1792/1999/1 - 28 ta' Marzu 2003) intqal:-

"Eccezzioni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja

izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti...

"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzioni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet 'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et, Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934:-

Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma' tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" - jigifieri l-fundament ta' l' "actio" u ta' l-"exceptio judicat hija preskrizzioni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".

Illi fis-sentenza "Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et" (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 766/2000/1 - 25 ta' Settembru 2003) gie riaffermat li:-

"Tlieta huma l-elementi li misshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)." (vide "Joseph Camilleri vs Lilian Mallia" .

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares incertezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li

tbieghed il-possibbilta' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta ta' kwistjonijiet li jibaghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni ("Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et" (A.K. 5 ta' Novembru 1934).

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fizzmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwestjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzioni tal-gudikat tintrabat ma' l-ezistenza ta' sentenza; il-kwistioni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li I-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi minn naha fis-sentenza fl-ismijiet "Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et" (P.A. (P.S) 28 ta' Marzu 2003) gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definitiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa mhux deciza, u ma jistax mill-parti I-ohra jinghad li ghad-decizjoni jista l-gudikat (vide Appell Civili, 7 ta Marzu 1958). Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzioni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza ("Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana" A.C. - 7 ta' Marzu 1958).

Illi dawn huma kollha konferma ta' gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati, inkluz dak li gie sottolineat fis-sentenza "Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited" (P.A. (RCP) - Cit. Nru: 1209/00/RCP - 9 ta' Jannar 2002) anke ghal dak li jirrigwarda l-eadem res, fejn intqal li din "tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza.

Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba

gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu sottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Ili ghar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzioni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Ili I-Prof. Caruana Galizia f"Notes on Civil Law" (Pt. IV p. 1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-eadem causa petendi tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-eadem personae, fis-sentenza fl-ismijiet "Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia" (P.A 13 ta' Frar 1958 - Vol. XLII.ii.917) il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg...li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni..." Illi pero' dan ma jfissirx li "l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali" ("Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" - A.C. 2 ta' Lulju 1996 -LXXX. ii.804).

Illi fl-ahharnett f’kull kaz, kif affermat fis-sentenza f’Vol. XXIX.i. 1155, "nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."

Illi abbazi ta' dawn il-principji kif enuncjati, jinghad li r-rekwizit ta' eadem personae huwa sodisfatt stante li l-partijiet huma l-istess fiz-zewg proceduri hlief li f'dan il-kaz jidher li wara s-sentenza "Angelo Axiaq et vs Carmel Busuttil" (A.C. - 30 ta' Marzu 2008) miet Angelo Axiaq (+ 23 ta' Settembru 2003 - Dok. "JB1") u dahlu minfloku wiedu Caterina (Dok. "JB2"), John (Dok. "JB3"), u Carmelo (Dok. "JB 4") u flimkien ma wlied il-mejjet Joseph Axiaq, u cjoe' Elizabeth (Dok. "JB 7") u Jeffrey Axiaq (Dok. "JB8) u Angela Axiaq armla ta' l-istess Joseph Axiaq (Dok. "JB5" u "JB6".

Illi jinghad li l-eadem res u l-eadem causa petendi huwa l-istess peress li fiz-zewg proceduri l-atturi qed jallegaw li huma sidien ta' l-ghalqa maghrufa bhala ta' Savaja jew ta' Sarija jew ta' Dun Laz, Hal Safi u li l-konvenut Carmel Busuttil qed jokkupa l-istess art bla ebda titolu fil-ligi u allura qed jitolbu dikjarazzioni f'dan is-sens u li allura l-konvenut jigi zgumbrat mill-istess ghalqa.

Illi fil-fatt dan jidher car mic-citazioni odjerna mertu ta' din il-pendenza odjerna u wkoll mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu 1998 fuq citata Citaz. Numru 486/91/GCD (fol. 31 u fol. 46) fejn jinghad li "l-atturi appellanti talbu l-izgumbrament tal-konvenut minn ghalqa maghrufa bhala "ta Savja" jew "ta Sarija" jew "ta Dun Laz" limiti ta' Hal Safi fuq il-premessa li din l-ghalqa kienet proprjeta' taghhom u li l-appellat kien qieghed jokkupaha bla titolu. L-appellat konvenut mhux biss ikkontesta din it-talba ghall-izgumbrament imma kwantu ghall-premessa dwar it-titolu vantat mill-atturi, huwa ecceppixxa wkell li l-atturi m'humiex is-sidien ta' dina l-ghalqa li hu u nies i (i.e. tal-konvenut) kienu ilhom jokkupawha "b'titolu tajjeb sa mill-1928". Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-appell maghmul mill-appellanti f'dik il-kawza (fol. 186) u r-risposta tal-appell tal-appellat

(fol: 182) fdik il-kawza li kollha jkomplu jikkonfermaw li z-zewg kawzi huma l-istess.

Illi din il-Qorti fil-fatt thoss li ma hemm l-ebda differenza ta' xejn bejn iz-zewg kawzi, izda fi kwalunkwe kaz japplika l-principju li anke kieku l-mertu tal-kaz huwa distint mill-kawza ta' qabel (haga li fil-kawza odjerna ma huwiex il-kaz) jekk l-istess mertu jifforma parti mill-istess haga u jekk il-punt kontrovers. huwa l-istess xorta hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat ("Dr. Jose' Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine" - A.K. - 5 ta' Ottubru 1992). B'hekk jekk dan huwa l-kaz l-atturi ma jistghux permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi b'kawza li s-sentenza ghaddiet in gudikat ("Antonio Abela vs Giuseppi Fenech" .- P.A 28 ta' Frar 1946) u "P.L. Roberto Tabone nomine vs Joseph Cannataci" - P.A. 6 ta' Marzu 1946).

Ili fil-fatt jekk wiehed hares lejn l-affidavit ta' Salvina Pullicino (fol. 158) ma hemmx dubju li l-atturi qed jaghmlu l-kawza bhala werrieta ta' Michaelangelo Axiaq u jippretendu li huma proprjetarji tal-istess ghalqa identifikata bhala l-istess kemm fdin il-kawza, u kif ukoll fis-sentenza tal-appell fuq imsemmija u fis-sentenza tal-ewwel Qorti datata 13 ta' Gunju 1996 presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo (fol. 165; fol 179).

Illi fil-fatt hlief ghall-eccezzioni ta' res judicata ( u dan huwa ovvju) l-eccezzjoni tal-konvenut illum huma l-istess bhal dik tal-kawza fuq indikata li llum ghaddiet in gudikat u din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-kawza odjerna hija l-istess bhal dik citata li ghaddiet illum in gudikat u dan ghaliex jezistu l-elementi kollha ta' l-eccezzjoni ta' res judicata u dan anke jippersisti jekk wiehed jiehu dak li gie osservat fis-sentenza "Filippo Farrugia Gay et nomine vs Sac. Angelo Farrugia" - A. C. - 12 ta' Novembru 1919 u cjoe":-

"Per riconoscere la vero portata di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la qaule e' anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non sorga il giudicato, e quando la parte dispositivo di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo' essere ristretto dalle considerazioni che la motivarano".

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-kwistioni li giet sollevata f'din il-kawza kienet l-istess wahda mqajjma u mressqa fil-kawza deciza fuq imsemmija u identifikata u li l-Qorti gja tat id-decizjoni ezawrjenti taghha u fil-fatt l-atturi ma gabu l-ebda argument sostenibbli dwar din l-eccezzioni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda u l-eccezzjoni ta' res judicita qed tigi milqugha.

KONKLUZJONI.

Ili ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzioni ta' res judicata da parte tal-konvenut in vista tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet "Angelo Axiaq vs Carmelo Busuttil' (Citaz. Numru 486/91/GCD) tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ma hemmx dubju li fil-kawza odjerna r-rikorrenti huma l-istess rikorrenti bhal fid-decizjonijiet precedenti ghajr ghal xi tibdil

minhabba successjonijiet bejn kawza u ohra. Dwar l-intimat ukoll ma hemmx dubju li huwa l-istess wiehed ghalhekk l-element ta' l-*eadem personae* huwa sodisfatt.

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu l-aaccertazzjoni tat-titolu taghhom fuq l-istess art koncernata fiz-zewg kawsi l-ohra, talba li ma hi xejn hlief kelma ohra li tindika li qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjarahom sidien tal-art in kwistjoni b'dana li l-azzjoni ezercitata hija dik tal-*actio rei vindicatoria*. Din l-azzjoni gia giet tentata mir-rikorrenti jew l-ante causa taghhom minghajr success fiz-zewg kawzi decizi b'mod finali hawn fuq suesposti.

Illi s-sentenzi precedenti kif ukoll il-kawza odjerna, ddawwar kif iddawwar il-kliem, dejjem kellhom l-istess ghan cioe' li r-rikorrenti jigu dikjarati sidien tal-art li baqghet l-istess wahda u li l-intimat jigi zgumbrat mill-istess. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandiex dubju li anki z-zewg elementi l-ohra sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* huma sodisfatti cioe' l-istess oggett u l-istess kawzali. Stante li r-rikorrenti ttentaw l-istess kawza fil-Qrati tlett darbiet tqis li l-agir taghhom huwa wiehed ferm abbusiv u vessatorju.

Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat tar-*res judicata* u per conseguenza tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat li t-talbiet rikorrenti huma *res judicata* in vista

tad-decizjonijiet hawn fuq imsemmija u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Mejju, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Mejju, 2025**